


# il-Gżejjer

OTTUBRU 1981

Nru. 105


We promise you a warm welcome.
AIRMALTA

# Spiċċa s-Sena bit-Tajjeb




Biljett ta' £M1 fil-Lotterija Nazzjonali l-Kbira ta' Malta jista' jrebbħek il-premju favoluż ta' £M50,000 jew wieħed mill-ħames premjijiet ta' £M1,000-il wieħed.
Iżjed ma tixtri biljetti, iżjed għandek ċansijiet biex tirbaħ u tispiċċa s-sena bit-tajjeb. Ixtri aktar biljetti llum mingħand l-bejjiegħa tal-biljetti tal-Lotterija, banek tal-lottu jew minn kiosks tal-Lotterija f'Malta u Għawdex.

**IL-LOTTERIJA NAZZJONALI KBIRA TA' MALTA**

TAGHLAQ 23 TA' DIĊEMBRU

**Ixtri biljett jekk trid ix-xorti tgħinek.**


# il-Gżejjer

OTTUBRU 1981 Nru. 105

Maħruġ
mit-Taqsima tat-Tagħrif,
Kastilja, Malta.


Paġna


| | |
|---|---|
| Il-Laqgħa tal-Prim Ministru mal-Papa | 2 |
| Emendi għall-'Policy' ta' l-Awtorità tad-Djar dwar il-'Plots' | 3 |
| Fetħu l-Iskejjel | 4 |
| Dwar Għawdex | 6 |
| Imġieba fit-Triq | 7 |
| Proġett kbir fil-Faċilitajiet tal-Port | 8 |
| Rakkont għat-Tfal | 10 |
| Paġna għan-Nisa | 12 |
| L-Apprendistat fis-Snajja' tal-Bini | 14 |
| Jitkellem l-Avukat | 16 |




Permezz ta' taħriġ intensiv li l-Air Malta ipprovdiet lill-ħaddiema tekniċi tagħha, dawn issa huma ikkwalifikati b'ċertifikati internazzjonali biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni kemm fuq l-ajruplani ta' l-Air Malta u kemm fuq dawk ta' linji oħrajn.

# IL-LAQGĦA TAL-PRIM MINISTRU DOM MINTOFF MAL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA ĠWANNI PAWLU II

**Nhar l-Erbgħa, 11 ta' Novembru l-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff iltaqa' ma' l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Casaroli, Segretarju ta' l-Istat fil-Vatikan u nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru s-Sur Mintoff kellu udjenza mal-Papa Ġwanni Pawlu II.**

F'dawn il-laqgħat il-Prim Ministru fisser l-għanijiet li dejjem ħaddan il-Gvern tar-Repubblika ta'Malta, fil-politika tiegħu ta' non allinejament u ta' newtralità fl-interess tas-sigurtà u l-paċi internazzjonali b'mod partikulari dak li għandu x'jaqsam mal-Mediterran. Il-Papa laqa' b'attenzjoni kbira dak li qal il-Prim Ministru u kkonferma l-interess u l-appoġġ tas-Santa Sede għall-iniżjattiva favur il-paċi u l-koperazzjoni bejn il-ġnus, fir-rispett tas-sovranità u tal-jeddijiet tal-popli kollha.

F'dawn il-laqgħat ġew eżaminati wkoll suġġetti li jolqtu r-relazzjonijiet bejn il-knisja u l-istat bil-għan li jinstabu soluzjonijiet sodisfaċenti għall-problemi li jeżistu — fi spirtu ta' djalogu kontinwu bejn l-awtoritajiet ċivili u dawk ekleżjastiċi, fil-livelli kollha — li jservu wkoll għal kollaborazzjoni diretta biex ikattru l-ġid morali u l-progress ċiviku u soċjali tal-poplu Malti.

Il-Papa laqa' b'attenzjoni kbira dak li qal il-Prim Ministru u kkonferma l-interess u l-appoġġ tas-Santa Sede għall-inizjattiva favur il-paċi u l-koperazzjoni bejn il-ġnus, fir-rispett tas-sovranità u tal-jeddijiet tal-popli kollha.



# EMENDI GĦALL-POLICY TA' L-AWTORITÀ TAD-DJAR DWAR IL-PLOTS

Il-Gvern Soċjalista jwiegħed u jwettaq. Fil-Pjan ta' Żvilupp li għadu kemm għadda mill-Parlament intqal li l-Gvern jkompli jagħti aktar għajnuna lil min irid jibni d-dar tiegħu fuq plots li joħroġ il-Gvern minn żmien għal żmien. Ftit xhur ilu għamel ukoll liġi biex ħeles lil min jibni d-dar tiegħu fuq plot tal-Gvern mill-ispejjeż biex issir it-triq u mill-ispejjeż biex jasal id-drenaġġ u l-ilma.

Il-Konferenza Ġenerali tal-Partit Laburista ta' din is-sena ikkonfermat l-għaqal ta' dik il-politika u ħeġġet lill-Gvern biex ikompli jżid l-għajnuna lil dawk li d-dħul tagħhom huwa baxx.

Biex dan jista' jseħħ, il-Gvern Soċjalista permezz ta' l-Awtorità tad-Djar, ser jerġa' joħroġ plots għall-poplu u ser jieħu l-opportunità biex ikompli jkabbar l-għajnuna u l-benefiċċji taħt din l-iskema. Dan ser jagħmlu skond ix-xewqat u l- ħtiġijiet tal-poplu, waqt li jieħu in kunsiderazzjoni wkoll iż-żidiet li jagħti ma' kull budget. Għalhekk il-Gvern ser joħroġ aktar plots u l-għajnuna mill-Awtorità tad-Djar sejra tkun hekk:

1. **PLOTS**

Peress li diversi nies urew ix-xewqa li, għalkemm id-dħul tagħhom ikun baxx, ma jixtiequx ikollhom dar b'fuq jew isfel mhux tagħhom, dawn ser jingħataw l-opportunità li jibdew billi jibnu l-ewwel sular (filwaqt li jħallu t-tromba biex ikun jista' jitla' t-taraġ) u mbagħad jibnu t-tieni sular meta u kif il-mezzi tagħhom ikunu jifilħu.

Għal dan il-għan ser jingħataw self mingħand il-Lohombus Corporation u għajnuna mill-Awtorità tad-Djar kif ser ngħidu:—

KATEGORIJA "A" — (dawk li jkollhom l-għażla li għall-ewwel jibnu sular wieħed biss bi tromba lesta għat-taraġ għal fuq u li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx l-£M4,000).

1: Dawk li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx l-£M2,000:—

Self sa £M4,000 għall-ewwel sular biss. B'imgħax ta' 2½%, waqt li l-Awtorità toħroġ 5½% għajnuna fuq l-imgħax. Isir depożitu l-bank ta' £M400 mill-applikant.

Peress li l-income tiegħu ikun żgħir, ma jkunx mitlub li jħallas lura f'imgħax jew kapital aktar minn £M150 fis-sena.

2: Dawk li d-dħul tagħhom huwa bejn £M2,000 u £M3,000:—

Self sa £M4,000 għall-ewwel sular biss. B'imgħax ta' 3%, waqt li l-Awtorità toħroġ 5% għajnuna fuq l-imgħax.

Isir depożitu l-bank ta' £M750 mill-applikant.

3: Dawk li d-dħul tagħhom huwa bejn £M3,000 u £M4,000:—

Self sa £M4,000 għall-ewwel sular biss, u self sa £M7,000 jekk jew meta jibnu t-tieni sular ukoll. B'imgħax ta' 3½%, waqt li l-Awtorità toħroġ 4½% għajnuna fuq l-imgħax.

Isir depożitu l-bank ta' £M1,000 mill-applikant.

KATEGORIJA "B" — (Dawk li d-dħul tagħhom huwa bejn £M4,000 u £M7,000):—

1: Dawk li d-dħul tagħhom huwa bejn £M4,000 u £M5,000:—

Self sa £M7,000 għal dar b'żewġ sulari b'imgħax ta' 6% waqt, li l-Awtorità toħroġ 2% għajnuna fuq l-imgħax.

Isir depożitu l-bank ta' £M1,200 mill-applikant.

Il-ħlas lura tas-self irid isir fi żmien massimu ta' ħamsa u għoxrin sena.

2: Dawk li d-dħul tagħhom huwa bejn £M5,000 u £M7,000:—

Self sa £M8,000 għal dar b'żewġ sulari b'imgħax ta' 7%, waqt li l-Awtorità toħroġ 1% għajnuna fuq l-imgħax.

Isir depożitu l-bank ta' £M1,500 mill-applikant.

Il-ħlas lura tas-self irid isir f'żmien massimu ta' għoxrin sena.

KATEGORIJA "Ċ" — (Dawk li d-dħul tagħhom huwa aktar minn £M7,000):—

Dar ta' żewġ sulari: self sa £M9,000 b'imgħax kummerċjali.

Isir depożitu l-bank ta' £M2,000 mill-applikant.

Il-ħlas lura tas-self irid isir f'żmien massimu ta' ħmistax-il sena.

2. A. **REVIŻJONI**

Kull sentejn jerġa' jiġi meqjus id-dħul ta' min ikun ħa self taħt din l-iskema ħalli r-rata ta' l-imgħax u l-għajnuna li jkun ingħata fuq l-imgħax jiġu regolati skond id-dħul rivedut tiegħu. Dan id-dħul jista' jkun żdied, imma jista' jkun ukoll naqas. Ngħidu aħna, fil-każ ta' min ikun sar penzjonant jew f'każi fejn l-applikant imut u jonqos id-dħul tal-familja, ikun xieraq li r-rata ta' l-imgħax tonqos u tiżdied l-għajnuna fuq l-imgħax. Il-kuntratt ma' l-Awtorità se jkun jipprovdi għar-reviżjoni kif indikat.

B.

L-'income' ta' l-applikant ifisser id-dħul kollu taraġel u l-mara, u fil-każ ta' l-għarajjes, ikun dak ta' l-għarus biss jew ta' l-għarusa, liema minnhom ikun l-applikant, u jkun se jassumi r-responsabbiltà tal-kuntratt.



# JIFTĦU L-ISKEJJEL

**MADWAR 54,000 student li jattendu skejjel primarji, sekondarji, skejjel ta' l-edukazzjoni speċjali, skejjel tas-snajja', istituti tekniċi u l-Liċeo bdew is-sena skolastika tagħhom nhar it-Tnejn 21 ta' Settembru. Għal darb'oħra din is-sena skolastika kienet karatterizzata minn żjieda ta' studenti fid-diversi livelli ta' tagħlim speċjalment dak sekondarju.**

**Kważi 800 tifel bdew jattendu l-Junior Lyceum tas-subien li issa msemmi Liċeo Vassalli filwaqt li 1,410 tifla għall-ewwel darba bdew jattendu l-Junior Lyceum għal bniet. Uħud minn dawn ġew ukoll minn diversi skejjel privati. Il-Junior Lyceums ġew imnedija bil-għan li jintgħażlu l-aħjar studenti li huma l-iktar motivati biex isegwu kors ta' edukazzjoni sekondarja li jwassal għall-General Certificate of Education (G.C.E.) ta' livell ordinarju u għall-Matrikola.**

KINDERGARTENS

Madwar 4,200 tifel u tifla qegħdin jattendu fl-64 ċentru tal-kindergarten imxerrdin ma' Malta u Għawdex. Dan ifisser li hemm żjieda ta' madwar 350 fuq in-numru tas-sena l-oħra.

SKEJJEL PRIMARJI

Id-dħul ta' tfal fl-iskejjel primarji tal-Gvern ukoll juru żjieda fuq dak tas-sena l-oħra. Fil-fatt, il-figuri ta' tfal għal din is-sena skolastika juri żjieda ta'aktar minn 1,000 tifel u tifla. Din is-sena aktar minn 25,000 student qegħdin jattendu l-iskejjel primarji tal-Gvern. Barra minn hekk 750 tifel u tifla bdew jattendu wkoll l-iskejjel speċjali. Dan ifisser li ċ-ċifra telgħet b'żjieda ta' madwar 100 fuq dik tas-sena li għaddiet.

SKEJJEL SEKONDARJI

In-numru ta' studenti li qegħdin jattendu l-iskejjel sekondarji tal-Gvern din is-sena jlaħħaq aktar minn 15,000. Madwar 1,200 minn dawn huma studenti ta' l-iskejjel tas-snajja' li jattendu wkoll skejjel sekondarji għal parti mit-tagħlim tagħhom.

**Parti kbira miż-żjieda fin-numru ta'studenti fl-iskejjel sekondarji hija dovuta għall-ftuħ tal-Junior Lyceums għal bniet u għas-subien.**



## GHALLIEMA ADATTATI

Biex jintlaħaq dan il-għan intgħażlu l-aktar għalliema addattati biex jgħallmu fil-Junior Lyceums. Inġiebu minn barra għalliema ta' esperjenza u bi kwalifiki għolja. Dawn l-għalliema ġejjin mill-Belġju, il-Polonja, l-Ingilterra u l-Italja. Il-Junior Lyceums huma attrezzati sewwa b'laboratorji għax-xjenza, libreriji tajbin, gymnasium u faċilitajiet oħra għall-isport. Hemm ukoll laboratorji għat-tagħlim tal-lingwi. L-istudenti, fil-kors ta' tagħlim tagħhom, se jingħataw għadd ta' proġetti sabiex jitħarrġu fis-sengħa tar-riċerka, jkunu kapaċi għal aktar studju avvanzat, jgħarfu jużaw aktar il-librerija u, titrawwem fihom għażla tajba fil-qari.



## SUBJECT CLASSES

Ser titħaddem is-sistema ta' 'subject classes', fejn it-tfal imorru fi klassijiet mgħammra apposta skond il-suġġetti mgħallma fihom. L-għalliema b'din l-iskema, jkollhom il-possibilita' li jarmaw kif jixraq, b'dak it-tagħmir kollu meħtieġ, il-klassi tagħhom u tidħol fihom l-għira personali, li jżommuha mill-aħjar. L-istudenti, min-naħa tagħhom, kontinwament ibiddlu l-ambjent, u b'hekk jaddattaw ruħhom aħjar għall-lezzjoni fil-klassi li tingħata fiha. L-Erbgħa wara nofsinhar ser isiru attivitajiet extrakurrikulari li jinkludu attivitajiet ta' rikrejazzjoni soċjali, kulturali u sportiva. F'dawn l-attivitajiet ser ikun hemm il-kooperazzjoni ta' l-għalliema.

## SKEJJEL TAS-SNAJJA'

L-iskejjel tas-snajja' li fethu aktar kmieni dan ix-xahar fihom aktar minn 4,000 ġuvnu u tfajla li qegħdin jingħataw taħriġ f'16-il sengħa differenti. In-numru ta' studenti li jattendu dawn l-iskejjel tas-snajja' qegħdin jiżdiedu minn sena għall-oħra. In-numru tas-subien fi skejjel tas-snajja' telgħha b'madwar 600 u n-numru ta' tfajliet telgħa madwar 300.

## "EXTENDED SKILL TRAINING SCHEME"

Tkompliet tissaħħaħ ukoll l-iskema tat-taħriġ estiż fid-diversi snajja' magħrufa bħala l-"Extended Skill Training Scheme". L-opportunitajiet issa kibru għal dawk l-istudenti li jridu jidħlu fl-iskema.

L-Istituti Tekniċi ukoll bdew il-korsijiet tagħhom. B'kollox hemm madwar 1,300 studenti f'Malta u Għawdex.

Fil-Liċeo l-Ġdid qed jattendu iktar minn 700 studenti fl-ewwel sena tal-kors filwaqt li n-numru ta' studenti fit-tieni sena tal-kors tagħhom huma ta' 420.




Quality Shoes
U.B. 33 San Gwann Industrial Estate
San Gwann. Tel: 44641.491292
Shopping Hours
9 a.m. – 3 p.m.



# BARRIERI TA' L-IRĦAM

META wieħed iżur it-trufijiet tar-raħal tal-Qala f'Għawdex u jibqa' nieżel 'l isfel għal wara s-Santwarju Nazzjonali tal-Kunċizzjoni, jilmaħ, fuq ix-xellug ġewwa ħondoq, barriera kbira tal-ġebel tassamm, (bosta drabi msejjaħ l-irħam ta' Għawdex). Il-barriera mnejn jinqata' dan l-irħam f'Għawdex tissejjaħ il-Barriera ta' Ras il-Qala. Iktar 'l hemm minnha, tidher barriera oħra ta' l-istess materjal magħrufa bħala l-Barriera ta' Ħondoq ir-Rummien. Għalkemm, għall-għajnejn ta' l-esperti, teżisti bejniethom xi differenza żgħira, il-ġebel taż-żewġ barrieri għandu l-istess kwalitajiet tajba u joffri l-istess karatteristiċi ta' din il-ġebla samma tipikament Għawdxija.

Dari, l-Għawdxin, biex jaqtgħu din ix-xorta ta' blat, kienu jużaw metodi iebsa u primittivi li, f'dawk l-inħawi, mikwija bix-xemx sajfija jew inġazzati bil-kesħa qalila taxxitwa, kienu jitolbu sagrifiċċji enormi mill-imsejkna ħaddiema li kienu jindaħlu għal dan il-qtugħ. Iżda dawn l-irġiel, imdorrija sa minn żgħożithom fil-ħidma qierħa tarraba', kienu jmiddu għonqhom għal dan ix-xogħol bla ebda tnikkir.

Biex wieħed iqanqal u jaħdem dan ix-xorta ta' materjal żonqri jeħtieġlu wkoll sengħa u prattika speċjali. Meta jinħadem, dan is-samm iebes jipproduċi xogħlijiet tassew sbieħ, fini u delikati li, ħafna drabi, ftit u xejn jintgħażlu minn dawk ta' l-irħam proprju. Ħaġa waħda tagħżel sostanzjalment dan il-materjal mill-irħam komuni; u din hi n-nuqqas ta' vini fil-blata Għawdxija. Fi kliem ieħor, il-blata m'hix ivvinata. Ta' min igħid ukoll li hemm żewġ kwalitajiet ta' din il-ġebla żonqrija: ta' lewn griż u ta' lewn safrani.

Milli jidher dan ix-xorta ta' rħam huwa addattat ħafna biex wieħed ikun jista' jaħdem minnu opri millisbaħ. Sirna nafu li dan l-irħam Għawdxi kien jintuża fil-kostruzzjoni tal-bini anki fi żminijiet imbiegħda. Meta fis-sena 1910 l-arkeologu Malti Sir Temi Zammit kixef, fil-Bajja tar-Ramla l-Ħamra, il-famużi Banjijiet Rumani, li kienu jikkonsistu minn dsatax-il kamra, ġo dan l-istabbiliment Ruman instabu bosta xogħlijiet magħmula minn din il-ġebla samma.

Fiż-żminijiet iktar qrib lejna, minn dan il-blat, inħadmu opri kolossali mhux biss f'Malta u Għawdex, iżda barra minn Malta wkoll.

Minn dan il-materjal inħadem il-'breakwater' tal-Port il-Kbir f'Malta u xi baċiri fid-Dockyard. Minnu huwa magħmul ukoll il-War Memorial li hemm fil-Ġonna tal-Furjana. Anki l-pedistall tal-monument lil Kristu Re li wieħed jilmaħ aħna u deħlin il-Belt Valletta, huwa maħdum minn din il-ġebla żonqrija Għawdxija. Hemm ukoll il-kolonni tal-Knisja ta' Birżebbuġa.

F'Għawdex jidhru opri artistiċi mill-isbaħ maħduma mill-irħam tal-Qala. Ta' min isemmi, fost l-oħrajn, il-fonti tal-Knisja Parrokkjali tal-Qala, il-parti ta' fuq taz-zokklatura tal-Knisja Katidrali, il-pedistall tal-War Memorial, f'nofs il-pjazza tat-Tokk, erba' kolonni fil-Bażilika Kolleġġjata tan-Nadur u xi opri oħra żgħar.

Fost l-opri li hemm barra minn Malta nsemmu biss il-knisja Katidral kollha ta' Liverpool u l-'fireplaces' tal-vapur lussuż Queen Mary.

# Id-Droga tal-Ħaxixa

L-AKTAR droga li qiegħda tiġi abbużata fil-gżejjer Maltin hija, mingħajr dubju ta' xejn, il-ĦAXIXA jew kif inhi magħrufa xjentifikament il-Cannabis Sativa.

Tajjeb li wieħed ikun jaf bil-ħsara kemm fil-ġisem u kemm fil-moħħ li twassal għaliha din id-droga.

F'esperimenti li saru fuq ix-xadini, instabu sinjali ċari ta' ħsara fil-moħħ u li ma titfejjaqx.

Fl-isfera sesswali, min jieħu l-ħaxixa ġie rappurtat li kellu nuqqas kbir ta' ċelluli fertilizzati, impotenza, ċelluli mhux normali u twelid difettuż.

Minbarra dan, min juża minn din il-Ħaxixa, instab li huwa aktar soġġett għal mard tal-pulmun u l-kanċer.

Il-Ħaxixa b'xi mod tikkaġuna wkoll mard mentali li jwassal għattelfien ta' l-interess kollu tal-ħajja — karriera, xogħol, familja.

## VJOLENZA U VANDALIŻMU

M'hemmx dubju li l-użu tad-droga fost iż-żgħażagħ iwassal għal nuqqas serju ta' kontroll fuq il-moħħ u jwitti t-triq għal vjolenza u vandaliżmu.

Il-Ħaxixa u l-ingredjenti tagħha jipproduċu fil-moħħ ta' min jeħodhom stat ta' min ikun qiegħed f'ħolma; fejn il-ħsibijiet jidhru mingħajr kontroll u mingħajr sens. Iż-żmien, il-kulur u l-ispazju jidhru aktar qawwija u wieħed jibda jitħawwad meta jħares lejhom. Ġeneralment dawk li jieħdu l-Ħaxixa jħossuhom aktar ferħanin u tajbin; ċertu ferħ li ma jkunux jistgħu jispjegaw. Iżda dawn l-effetti jiddependu ħafna mill-post fejn ikunu u ċ-ċirkostanzi ta' l-ambjent. Ħafna mbagħad jibdew iħossu wkoll biża' tal-mewt, dwejjaq kbar u jibdew jaraw ċerti affarijiet li ma jeżistux — dawk li jissejħu alluċinazzjonijiet.

Meta l-Ħaxixa tindara wieħed iħoss ċertu bżonn li jibqa' jeħodha, imma jekk jirnexxilu jieqaf jeħodha wara li jkun draha, ma jiġrilu ebda ħsara — għalkemm għall-ewwel ma jkunx jista' jorqod, jew iħossu ftit nervuż u xewqan li jkompli jeħodha.

**Minn dan kollu wieħed jista' jara li huwa d-dover ta' kull individwu li b'ebda mod ma jgħin f'xi traffikar jew użu ħażin tad-drogi u għandu jkun hemm koperazzjoni sħiħa mal-Pulizija dwar kull każ li jsir magħruf.**

# IMĠIEBA FIT-TRIQ



● Qatt issuq b'tant "speed" illi ma tkunx tista' twaqqaf il-vettura tiegħek **b'mod raġonevoli.**

● Trid tiftakar li l-viżibilità tiegħek tonqos meta tasal **f'xi kantuniera** jew fuq **quċċata ta' xi għolja.** Minbarra hekk, id-distanza li fiha l-vettura tiegħek tkun tista' tieqaf hija itwal **għan-niżla** jew meta it-triq tkun **imxarba jew tiżloq.**

● Ukoll taħt kundizzjonijiet normali, d-distanza li fiha il-vettura tista' tieqaf **titwal b'ħeffa kbira ma' l-'speed':** per eżempju, d-distanza li fiha tieqaf vettura li tkun għaddejja **bl-40 mil fis-siegħa hija 4 darbiet itwal** minn dik ta' l-istess vettura li tkun miexja bl-**20 mil fis-siegħa.**

● Bis-sistema metrika 40 mil u 20 mil huma 65 km u 35 km rispettivament.

● Fl-każ ta' emerġenza, ikollok bżonn ċertu ħin biex tirreaġixxi. F'sitwazzjoni normali r-reazzjoni tiegħek **rari tkun fil-pront.** Din tkun aktar bil-mod jekk inti tkun **għajjien, mgħammex bid-dawl** jew jekk il-fakultajiet tiegħek ikunu **b'xi mod affetwati.**

**LIMITI TA' VELOĊITÀ JEW 'SPEED'**

● Taqbiżx dawn il-limiti:

| | **F'inħawi abitati** | **Barra l-inħawi abitati** |
|---|---|---|
| Motor cars u motor cycles | 40 km/h | 65 km/h |
| Charabancs u coaches | 35 | 50 |
| Vetturi tat-tagħbija | 35 | 35 |
| Vetturi li jirmonkaw | 25 | 25 |
| Vetturi ta' l-inkapaċitati u tractors | 15 | 35 |

● **Iżda kwalunkwe waħda mill-veloċitajiet ta' hawn fuq tista' tiġi ristretta b'sinjali xierqa** tat-traffiku.

● **Fejn ikun hemm toroq dojoq, jew mhux dritti, jew dawk mingħajr bankini jew fejn ikun hemm ħafna nies, int naturalment għandek issuq anqas mil-limiti ta' veloċità** li semmejna.

● Min-naħa l-oħra, jekk ma jkollokx xi raġuni valida, ma għandekx issuq bi 'speed' **anqas minn dak medju tat-traffiku** fil-post u l-ħin partikulari. It-tnikkir fis-sewqan ħafna drabi joħloq perikolu bħal ma jagħmel 'speed' eċċessiv.


**FOR SERVICE AND SATISFACTION**
**REFER YOUR GALVANISING REQUIREMENTS**
**TO**
**MALTA DRYDOCKS**

**ENQUIRIES TO:**

**MARKETING AND SALES MANAGER**
**NEW BUILDING SECTION**

**Tel: 822451 822491 (Ext: 308, 500)**

# PROĠETT KBIR FIL-FAĊILITAJIET TAL-PORT




**KIENET l-idea tal-Prim Ministru Dom Mintoff kif imħabbra minnu stess fit-taħdita tiegħu lin-Nazzjon fl-aħħar tas-sena 1979 li tiġi żviluppata l-art li tibda mill-Crown Ditch viċin il-Bombi sas-Salib tal-Marsa. Il-lum, anqas minn sentejn wara, din l-idea saret realtà. Issa din il-parti tal-Port il-Kbir, qabel mitlufa, inbidlet f'Ċentru tat-trasbord tant prominenti fil-Pjan tal-Gvern Soċjalista li jtejjeb aktar l-ekonomija ta' pajjiżna.**

Il-ħsieb ta' dan il-proġett kien li:

(a) tiġi żviluppata l-Menqa li hija l-'focal point' tal-proġett kollu, billi tiġi attrezzata biex ikunu jistgħu jidħlu fiha bastimenti kbar tal-merkanzija;

(b) li jinbena spazju kbir għal ħażna ta' 'containers' fil-post, illum magħruf Beltilħażna;

(ċ) li jsir post għal ħażna taż-żejt u l-faħam għall-użu tal-Power Station in-naħa magħrufa b'Ta' Ċejlu, 'l isfel mill-Menqa;

(d) li jsir sistema ta' toroq li tgħaqqad direttament iż-żewġ ċentri ta' ħażna msemmijin hawn fuq mal-Moll tal-Menqa.

**Fil-Menqa, li qabel kienet tintuża għal ħatt mill-braken, saru mollijiet kbar u tħammel qiegħ il-baħar biex ikunu jistgħu jidħlu vapuri b'pixka kbira. Tqiegħed ukoll 'pipeline' taħt l-art twil 500 metru biex iwassal iż-żejt mill-moll sat-tankijiet li nbnew fuq l-għolja Ta' Ċejlu.**

Sadanittant, fuq l-għolja Ta' Ċejlu tneħħa kwantità kbira ta' materjal imgeddes madwar iċ-ċmieni tal-ventilazzjoni tal-Power Station. Din l-medda ta' art li fiha 7,000 metru kubu tnaddfet kollha u ġiet livellata biex isservi għall-ħażna tal-faħam waqt li l-istess ċmieni ġew rinforzati b'ħitan ġodda madwarhom.

Beltilħażna, li tikkonsisti f'linja sħiħa ta' swar mibnija fi żmien il-Kavallieri, tnaddfet mill-imbarazz u mit-tined qodma li s-Servizzi Ingliżi kienu bnew u tħallew hekk żdingati. L-ispazju issa jkopri 60,000 metru kwadru u qed jipprovdi ambjent għall-ħażna tal-containers. Ittieħdet ukoll l-opportunità biex inbnew żewġ ġibjuni li jesgħu 3 miljun galluni ilma.

Naturalment iż-żewġ postijiet ta' ħażna, kemm dak Ta' Ċejlu u dak ta' Beltilħażna ma kien ikollhom sinifikat ta' xejn li kieku ma kellhomx aċċess dirett u faċli speċifikament għall-Menqa — iċ-Ċentru tal-proġett kollu.

Ġiet għalhekk mibnija sistema ta' toroq li barra kif għidna, igħaqqdu l-proġett, jipprovdu biex trakkijiet ġeneralment goffi bħal dawk li jgħabbu l-'containers' jevitaw toroq prinċipali li minnhom igħaddi t-traffiku pubbliku. Hekk issa, trakkijiet li jkunu ġejjin kemm min-naħa t'isfel u kemm min-naħa ta' fuq ta' Malta jgħaddu mis-sistema l-ġdida minflok ma jgħaddu minn Triq Diċembru 13 li hija arterja prinċipali tat-traffiku pubbliku.



**Dan il-proġett kien tħabbar mill-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff fit-taħdita tiegħu lin-Nazzjon fl-aħħar tas-sena 1979. Illum, anqas minn sentejn wara, dan il-proġett sar realta'.**

**Is-sistema kollha ta' toroq ġodda tkopri tul ta' 4,000 metru u nbniet f'żewġ stadji: l-ewwel inbniet in-naħa ta' fuq li minn ħdejn id-Dogs Home (il-Bombi) tibqa' sejra sal-moll tal-Menqa, u wara tkompla x-xogħol sakemm tniffdet triq ġdida mill-Menqa sas-Salib tal-Marsa, preċiż fejn qabel kien hemm il-fabbrika tal-bagalji ħdejn ir-'round-about' tal-Marsa.**

Tqatta' kwantità kbira ta' blat u tneħħew mijiet ta' trakkijiet terrapien li ħafna minnu ntradam max-xatt tal-Menqa biex tiġi reklamata l-art għall-bini tal-moll. Sadanittant, biex tniffdet it-triq li mill-Menqa tieħu għas-Salib tal-Marsa, kellhom jitwaqqgħu xi mħażen u ftit djar fiż-żewġ naħat tat-triq. In-nies effettwati qed jiġu pprovduti b'imħażen u uffiċini oħra li nbnew għalihom f'dawn in-naħat.

Sadanittant ittieħdet ukoll l-opportunità biex issir sistema tad-drenaġġ f'din in-naħa tat-triq peress li l-abitanti t'hemm kienu għadhom jużaw il-fosos.

Il-proġett kollu, bl-iżvilupp tal-Menqa, Beltilħażna u l-'area' ta' madwar il-Power Station, kif ukoll is-sistema ta' toroq ta' bejniethom sar mill-ħaddiema tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport u xi ħaddiema tal-kuntrattur.

**Il-Ministru Lorry Sant responsabbli għat-twettiq ta' dan il-proġett infrastrutturali segwa mill-qrib il-progress tax-xogħol biż-żjarat spissi tiegħu fuq il-lant tax-xogħol biex flimkien mal-Perit, uffiċjali tekniċi u ħaddiema stinkaw kemm felħu biex l-idea tal-Prim Ministru setgħet isseħħ fi żmien relattivament qasir.**

RAKKONT GĦAT-TFAL

# ** L-ISBAĦ MILIED **

Kulħadd jaf li t-tifel ta' Carmelin kien inkapaċitat. Id-dar waħdu ma kienx joqgħod u kien joħroġ biss meta jeħduh magħhom ommu u missieru nhar ta' Ħadd bil-karrozza li kienu għadhom kemm xtraw. "Miskina Carmelina" qalet darba minnhom omm David, Noel u Joanna waqt li kienu qed jieklu, "il-ħin kollu ma' dak it-tifel. Tistrieħ biss nhar ta' Ħadd meta tmur tisma' l-quddies għax joqgħod miegħu missieru. Mill-bqija ma titilqu qatt minn taħt għajnejha. Il-bieraħ kont qed nitkellem magħha u bdejt inħaj-jarha tiġi magħna għall-party tal-Milied. Kieku tixtieq tiġi imma mis-kina kif tista' b'dak it-tifel?"

"Ma għandha 'l ħadd min joqgħod miegħu?" staqsiet Joanna.

"Oħtha biss għandha u dik miż-żewġa u toqgħod 'il bogħod. Veru nixtieqha tiġi . . . ."

"Ma tistax iġġibu magħha?"

"Le, ruħi, David. Dak ma joq-għodx fejn ikun hemm ħafna nies u storbju . . . . għax imbagħad flok tieħu pjaċir tibda tinkwieta u taħbat-ha agħar . . . . Jiena ħajjartha biex forsi tistrieħ għal ftit, miskina. Ġej il-Milied u bħal daż-żmien kulħadd igawdi xi ftit. Jien offrejtilha li noq-għod nieħu ħsiebu jien imma lanqas b'xejn ma riedet tisma'. Qaltli: 'Ma tarax, imbagħad ir-raġel x'jagħmel? U t-tfal?' Jien għedtilha li missier-kom tmorru miegħu intom. Imma ma riditx taf."

Fil-kamra waqa' skiet kbir.

Imbagħad Joanna li kella qalba tad-deheb qabżet u qalet: "Morru intom, ma, u noqgħod miegħu jien."

"U t-titlef il-party?" qalilha Noel li tgħidx kemm kien ilu jistennieh il-party. "U b'daqshekk? Sena oħra ma jasalx? U aħna jkollna party l-iskola kieku biss," wieġbet Joanna.

Għall-ewwel ħadd ma qal xejn, imma mbagħad l-omm qaltilha: "Joanna, ruħi, waħdek tbagħti miegħu għax dak tqil u tkun trid toq-għod tqandlu. Ma tkunx tifilħu. Anki Carmelina stess ma tkunx trid tħallik . . . ."

"Int għidilha, ma . . . . Jiena nifil-ħu, ma jimpurtax . . . ."

"Jimporta, ruħi . . . . Dak mhux ta' jdejk waħdek."

Hawnhekk kien pront qabeż David: "Mela noqgħod ma' Joanna jien; inkunu t-tnejn nieħdu ħsiebu . . . ."

"It-tnejn tħallina ma" reġgħet qalet Joanna.

"Ma naħsibx, imma la qed tinsis-tu, ngħidilha."

Noel biss ma qal xejn. Dak il-party ma kien jibdlu ma xejn. Kien ilu jgħodd il-granet sakemm jasal. Kien se jitilfu hekk? Ġo fih kellu taqbida sħiħa. Min-naħa kellu xewqa kbira li jmur il-party u mill-oħra ried jgħin lil ħutu u lil Carmelin. X'se jaqbad jagħmel? Meta kielu Joanna qalet lil ommha: "Se tmur tgħidilha 'l Carmelin, ma?"

"Issa kif għada naraha ngħidilha, imma ma naħsibx li se tgħid iva. Aħna issa naraw. Forsi x'ħin tkun taf li miegħek se joqgħod David tafda-kom. Anzi ħa mmur nara ngħidil-hiex issa biex forsi nħajjarha . . . . U kif qalet hekk, qamet minn postha u qabdet biex toħroġ ħa tmur għand Carmelin li kienet toqgħod ħdej-hom. Kif waslet ħdejn il-bieb tal-kamra ta' Noel bi sforz kbir qalilha, "Għidilha li se nkun hemm jien ukoll. Inkunu aħna t-tlieta nieħdu ħsiebu ma jkollhiex għalfejn tin-kwieta."

X'ħin semgħu lil Noel joffri li ma jmurx il-party kulħadd baqa' ssum-mat. "Tassew trid toqgħod magħna?" staqsietu Joanna bil-kemm trid temmen lil widnejha.

"Mela biċ-ċajt? Mhux għax irrid nitlef il-party imma biex ma nħalli-komx waħedkom. Forsi Carmelina taċċetta tkun taf li se nkunu tlieta."

Kemm ferħet Carmelina meta omm it-tfal marret tgħidilha. Għall-ewwel qaltilha li ma kellhiex qalb ittellfilhom il-party, iżda meta omm-hom żguratha li kienu wlieda stess li ħarġu bl-idea allura laqgħet l-iste-dina bil-ferħ.

Kien l-ewwel party li kienet marret mindu twieled it-tifel tagħha Kevin sitt snin qabel. U kemm ħadet pjaċir tiltaqa' man-nies u toqgħod titkellem u tiekol u tixrob xi ħaġa. It-tliet sigħat taru, lanqas biss indu-nat kif għadda l-ħin tant kienet għal qalbha. X'ħin waslet lura d-dar għal ħabta tal-ħdax ta' bil-lejl sabet lil David, lil Noel u 'l Joanna għadhom imqajjmin ikantaw u jiżżuffjettaw quddiem Kevin!

"Grazzi David, Noel u Joanna" qaltilhom Carmelin. Il-Bambin jibqa' jafulkom." Imbagħad ir-raġel tagħha fetaħ kexxun u minnu ħareġ tlett pakketti waqt li qalilhom: "Dawn għalikom, għandkom wieħed kull wieħed. U nerġa' nirrin-grazzjakom għax ilna ma nafx kemm ma ngħaddu Milied sabiħ bħal dan."

"U aħna wkoll" qal Noel, "ħadna pjaċir daqslikieku ġejna l-party. Kevin qagħad kwiet ħafna u qagħ-dna nilgħabu miegħu. Grazzi tar-rigali . . . . ma kellkomx xi tridu-hom."

"Il-Milied it-Tajjeb lil kulħadd" qalu kollha f'daqqa.

U tassew li għal David, Noel u Joanna, għal ommhom u missier-hom u għal Carmelin u r-raġel tagħha kif ukoll għaċ-ċkejken Kevin kien Milied tassew hieni!

# Teleduk — Sensiela Ġdida fuq it-TV għall-Istudenti

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni qed jagħmel sensiela ġdida ta' xandiriet edukattivi fuq it-'television' għall-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji. Il-programmi kollha qed ikunu preżentati f'għamla ta' Quiz li għandhom l-għan kemm li jgħallmu u jedukaw kif ukoll li joffru divertiment waqt li joħolqu f'min jarahom u jieħu sehem spirtu kompetittiv.

B'kollox hemm tliet sensiliet ta' Quizzes. L-ewwel waħda fiha 13-il programm u hi maħsuba għall-istudenti ta' l-ewwel u t-tieni klassi, se tibqa' sejra sa Frar.

It-tieni sensiela għall-klassijiet il-kbar ta' l-iskejjel sekondarji fiha 7 programmi u tixxandar bejn Frar u April.

It-tielet sensiela, ta' 7 programmi wkoll, hi għall-istudenti tan-'New Lyceum' u tixxandar bejn April u Mejju.

F'kull programm jikkompetu skola kontra oħra barra fil-każ tal-Liċeo l-Ġdid li jieħdu sehem fih il-klassijiet.

Kull programm fih tliet taqsimiet b'mistoqsijiet fuq is-suġġetti li jiġu mgħallma fl-iskola, fuq il-'mass media', (jew aħjar suġġetti marbuta mar-radju, il-ġurnali u t-television) u taqsima fuq Tagħrif Ġenerali.

F'kull programm hemm ukoll mistoqsijiet bi premju għas-semmiegħa.

Il-programmi huma maħsuba u mtella' mit-taqsima Xandir għall-Iskejjel tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.




packseal
SELFADHESIVES LTD

**Manufacturers of self-adhesives tapes for industrial and office use.**

We produce Cellophane, PVC, Coloured PVC, Masking, Electrical, Reinforced, Doublesided, Litho Masking, Mending and Polypropylene tapes.

We also print on tapes to customer's specifications.

Trade Enquiries: Galley Street, Marsa.
(by Trunk Road and Malta Shipbuilding Ltd.)
Tel. 24147 Telex: 842 CHIMAD MW



Cellux®

## Pagna għan-nisa

# META NKUNU KBIRNA

KIEN hemm żmien li fih meta l-bniedem kien jibda jixjieħ, is-soċjetà kienet twarrbu. Bħalikieku kienet tgħidlu "issa ħadt minnek ix-xogħol tiegħek, saħtek u l-għaraq ta' ġbinek, u wara li ħlibtek ma baqax użu għalik." Kull minn ikun dieħel fix-xjuħija kien jibża' minn mument bħal dan.

Iżda llum il-folja inqalbet. Mhux talli permezz ta' edukazzjoni iktar fil-fond u permezz ta' qawmien ta' sens ta' gratitudni, m'għandniex ngħidu lix-xjuħ "ISSA M'GHANDNIEX BŻONNKOM", iżda qegħdin ngħarfu li wara li dawn ikunu taw il-kontribut tagħhom biex is-soċjetà tagħna issir aħjar, għandna inkunulhom grati.

Min jistudja l-bniedem meta jibda jixjieħ jgħidlek li l-proċess u l-attitudni hija waħda meraviljuża. Hekk kif in-nies jibdew jidħlu fl-età, joħroġ iżjed fil-beraħ il-karattru tagħhom. Meta l-pressjoni soċjali tal-jiem imgħoddija tibda tonqos, il-kwalitajiet tal-bniedem joħorġu iktar evidenti fil-jiem tax-xjuħija.

Dik il-persuna li minn dejjem kellha karattru "tqatta u tiekol minnha" tibda turi li iktar qed issir "minn tagħna" hekk kif fuqha jibdew jgħaddu is-snin. Il-persuna li fiż-żmien ma kinitx egoista tinduna li donnha qed iktar issir tħobb lil ta' madwarha, u dan forsi għaliex l-interess fl-affarijiet tad-dinja jibda jonqos. Jekk trid tara il-ħlewwa, it-tjubija, l-umoriżmu — ħares lejn persuna li qed tidħol fiż-żmien u tara li dawn jidhru iktar fid-dawl veru tagħhom.

Madankollu huwa veru wkoll l-oppost ta' dak li għadna kif għidna. Dik il-persuna li għal snin sħaħ qatt ma għallmet lilha nnifisha biex ma tkunx egoista, iżda li għal snin sħaħ irnexxielha taħbi l-egoiżmu taħt il-personalità, fiż-żmien tax-xjuħija ssibha iktar diffiċli li tagħmel dan għaliex il-kontroll fuqha innifisha jkun aktar iebes.

Hadd ma jista' jmeri lil xi xjuħ li igħidulek li kultant l-aħħar ftit snin tal-ħajja ikunu l-iktar iebsa ta' ħajjithom. Iħossu li jkollhom jiddependu minn ħaddieħor. Iħossu li ma jistgħux jagħmlu dak li kienu jagħmlu meta kienu iżgħar. Dawn huma affarijiet li jkidduhom. L-iktar li jimxu huma dawk li matul il-ħajja żviluppaw filosofija għalihom li biha jwieġbu għall-mistoqsijiet li jiltaqa' magħhom kull bniedem.

Ġeneralment, il-biża' tax-xjuħija jiġi meta nagħalqu il-ħamsin jew is-sittin, u għalhekk tajjeb li ngħarfu x'għandna nagħmlu ftit tas-snin qabel.

Inħarsu l-ewwel lejn is-saħħa fiżika. Il-mistrieħ. Jekk hawn min qabeż il-ħamsin jaf x'jiġifieri tistrieħ nofs siegħa wara nofsinhar. Min ma bediex, issa ż-żmien li jibda jistrieħ daqsxejn. Min iħossu f'saħħtu jargumenta li dan is-serħan ta' wara nofsinhar huwa telf ta' żmien, iżda din l-użanza tas-serħan wara nofs-inhar tista' ttawwal iż-żmien tal-ħajja barra milli timla' lill-persuna b'enerġija. Hafna nies li rnexxielhom jibqgħu attivi fil-ħajja waslu s'hawn għaliex bdew l-użanza li jistrieħu siegħa jew tnejn matul il-jum.

Il-fatt li persuna tidra tistrieħ ftit, anke ma tkunx fiżikament fis-sodda, ikun qed igħin biex ikun hemm serenita' mentali u biex tibqa' alerta u svelta għal dak li jsir madwarha. Iżda barra minn hekk dan inaqqas ħafna l-ilmenti fiżiċi. It-tensjoni, f'forma jew oħra, tista' twassal jew taggrava l-indiġestjoni, in-nervi, in-nuqqas ta' rqad, ir-rewmattiżmu u ħafna ilmenti oħra li huma komuni max-xjuħ. Għalhekk il-mistrieħ matul il-jum huwa ħaġa li għandna naħtu kasha.

Haġ'oħra li għandna nibdew nikkoltivaw minn issa hija l-indafa tal-persuna. M'hemm xejn isbaħ milli tkun qed titkellem ma' mara xiħa li tkun taf li hi nadifa f'persunitha, ixxommilha dik ir-riħa ta' friskezza tal-banju ta' kuljum, dik ir-riħa ħelwa tal-ftit fwieħa li tagħmel. Dik il-mara li tibqa' żżomm ruħha, u tagħmel xagħarha pulit, hija rispettata u l-kumpanija tagħha hija apprezzata minn dik li tintelaq u li ma zzommx ruħha. Kultant issib li mhux dejjem faċli. Maż-żmien il-bniedem isir inqas attiv, u forsi l-ewwel ma jitraskura huwa persuntu. Iżda jekk irridu li nibqgħu niġu milqugħin fis-soċjetà ma nistgħux ma nżommux ruħna indaf. U dan jgħodd għan-nisa daqs kemm jgħodd għall-irġiel u viċe-versa.

Punt ieħor importanti fil-ħajja tax-xjuħ, daqs kemm huwa importanti fil-ħajja ta' dawk li għadhom żgħar, huwa l-ikel. Mhux li nieklu u nitħanżru, iżda li nużaw il-moderazzjoni. Irridu nieklu ikel tajjeb, bilanċjat, fih il-vitamini. Jekk ma noqogħdux attenti jew inkella nieklu iżjed milli jmissna, nirvinaw saħħitna. Ma' l-ikel hemm il-ħtieġa ta' l-eżerċizzju u ta' l-arja friska. Passiġġata qasira jew xi ftit xogħol fil-ġnien biżżejjed biex jagħtuna iż-żewġ affarijiet f'salt wieħed u jżommuna attivi. Barra minn hekk meta nkunu dieħlin għaż-żmien tax-xjuħija, tajjeb li nieħdu ħsieb il-ġisem aktar minn qabel. Nistaqsi. Kemm minnha jagħmluha drawwa li mmorru għand tabib għal 'check-up'? It-tabib infittxuh biss meta nkunu ma nifilħux. Iżda jaqblilna ħafna li kultant, anke jekk ma nkunu qed inħossu xejn, immorru għal vista ġenerali. Nanticipaw xi mard u nkunu kuntenti.

Hafna nisa u rġiel li fi żmienhom kienu famużi fl-arti, fin-negozju, fis-servizz pubbliku u li għexu ħajja mimlija attività, irnexxielhom jirtiraw mingħajr inkwiet. Ir-raġuni kienet li l-ħajja li kienu għaddew tathom is-sodisfazzjon li xtaqu minnha. Oħrajn li ma għarfux jagħmlu l-aħjar użu minn ħajjithom, jew li ma kellhomx l-opportunitajiet meħtieġa, isibuha diffiċli. Iżda qatt mhu tard wisq.

Il-ħajja hija sabiħa. Tista' tagħtina l-aqwa sodisfazzjon. Li rridu nagħmlu huwa li nieħdu ħsieb tagħna nfusna.... u dawk ta' madwarna.

# TISJIR



## PULPETTI TAL-ĦUT

**Għal 6 persuni**

**Ikollok bżonn**

600 g ħut, mgħolli u mnaddaf mill-qoxra u qxur (tista' tuża ħut frozen); 600 g patata msajra l-forn bil-qoxra b'kollox; ftit noċe moskata maħkuka; melħ.

**Biex taqlihom:** 100 g dqiq; żewġ bajdiet; kuċċarina żejt; 150 g frak tal-ħobż niexef; bżar u melħ; żejt biex taqli.



**Metodu**

Farrak il-ħut bċejjeċ żgħar u għaffġu sew bil-furketta, imbagħad ħawwad sew b'mgħarfa ta' l-injam sakemm jiġi artab ħafna. Qaxxar il-patata u għaffigħa sew ukoll, u ħallatha mal-ħut. Ħawwar bil-melħ u ftit noċe moskata, u aħdimha qiesha għaġina, li tgerbeb qiesha zalzetta twila u mbagħad qatta' minnha bċejjeċ indaqs u ifforma bihom pulpetti tondi u ċatti kollha ndaqs. Issa lesti platt bid-dqiq, ieħor bil-frak tal-ħobż, u ieħor bil-bajd imħabbat imħawwar bil-bżar u melħ u b'kuċċarina żejt. Ibda billi l-ewwel tgerbeb pulpetta bid-dqiq, wara tgħaddiha fil-bajd imħabbat u fl-aħħar fil-frak tal-ħobż u mill-ewwel aqli fiż-żejt sħun. Meta l-pulpetti jkunu lesti, kif terfagħhom mit-taġen, poġġihom fuq karta tal-kċina biex joqtru sew miż-żejt. Servi l-pulpetti sħan, ma' kontorn ta' insalata friska.


*Ħu ħsieb*
*li l-familja*
*tiegħek tieħu l-aħjar!*

M.M.U.

TOFFRILEK
PRODOTTI ĠENWINI

Ħalib frisk
Rikotta
Milk Shakes
Jogurt
Krema friska

# L-APPRENDISTAT FIS-SNAJJA' TAL-BINI

**L-APPRENDISTAT fis-Snajja' tal-Bini ġie introdott f'Malta għall-ewwel darba mill-Gvern Soċjalista meta f'Diċembru ta' l-1975 daħal l-ewwel grupp ta' żgħażagħ bħala apprendisti mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet.**

Kien jidher ċar li jekk il-pajjiż ried ikompli jżid fir-ritmu tax-xogħol li kien għaddej bih fil-bini ta' l-infrastruttura, kien jinħtieġlu li jrawwem aktar żgħażagħ ħaddiema fis-sengħa tal-bini.

Il-Gvern Soċjalista ried ukoll li s-sengħa tradizzjonali tal-bini titpoġġa fuq sisien sodi u tingħata l-għarfien li jistħoqqilha.

B'riżultat ta' l-iżvilupp li għaddej bih pajjiżna, il-Gvern irid ikompli jinkoraġġixxi dawn is-snajja' tradizzjonali Maltin.

Minħabba li hemm bżonn ta' aktar ħaddiema f'dan is-settur, l-apprendistat fl-iskema tal-bini issa se jiġi abbinat ma' l-iskema ta' taħriġ estiż fis-snajja' (extended skill training scheme) li waqqaf dan l-aħħar il-Gvern Soċjalista.

Permezz ta' din l-iskema ġdida l-apprendisti jiġu sponsorjati kemm mill-Gvern u kemm mill-industriji privati. Il-perijodu ta' taħriġ ikun ta' tliet snin — imqassma f'5 xhur u nofs teorija u daqshekk żmien ieħor fil-prattika fis-sengħa tal-bini.

**Hawn ta' min ifakkar, li sa ftit snin ilu, f'pajjiżna kien għadu jeżisti ċertu preġudizzju kontra s-sengħa tal-bini. Dan forsi għaliex dawk li kienu jaqbdu din is-sengħa kienu ġeneralment ikunu bla skola ta' xejn u għalhekk ma kienx ikollhom ċansijiet li javanzaw bħal ħaddieħor li jkun qabad xi sengħa oħra.**

**Illum il-ġurnata, għal kuntrarju, bl-iskema ta' l-apprendistat, iż-żgħażagħ jiġu ipprovduti bit-tagħlim meħtieġ u mħeġġa biex jippreparaw**





**ruħhom għall-avvanz fis-sengħa li jkunu għażlu.**

B'riżultat tas-serjetà li biha tmexxiet l-iskema ta' l-apprendistat, numru sabiħ mill-ewwel grupp li daħlu issa laħqu pożizzjonijiet tekniċi bħal 'surveyors', 'building inspectors' u 'draughtsmen'.

Uħud minnhom qegħdin ikomplu bl-istudju bl-iskop li jilħqu postijiet aktar għoljin li minn żmien għal żmien jinħolqu fil-Ministeru.

### ● BENEFIĊĊJI

Il-benefiċċji fl-avvanz li għamlu dan il-grupp ta' żgħażagħ kienu kollha mbassra mill-Ministru s-Sur Lorry Sant li f'diversi okkażjonijiet wegħidhom li, jekk jirsistu u jieħdu l-istudji tagħhom bis-serjetà, huwa jagħtihom l-opportunitajiet kollha li jilħqu l-aktar gradi għolja fil-Ministeru, inkluż dak ta' perit.

Iż-żgħażagħ illum iridu jiftakru li qabel, kemm fi żmien il-Gvern Kolonjali u kif ukoll fi żmien il-Gvern Nazzjonalista, dawn l-opportunitajiet għall-ħaddiema fis-sengħa talbini anqas biss kienu joħolmu bihom. Il-waħdiet li kien jirnexxilhom jidħlu apprendisti mal-Gvern, malli kien jispiċċalhom il-kuntratt kienu jitfgħuhom 'il barra. F'xi okkażjoni 'l hawn u 'l hinn kienu forsi jagħmlu karità magħhom u jżommuhom bħala 'labourers'.

**Iż-żgħażagħ tal-lum, ħaddiema fis-sengħa tal-bini jridu jiftakru wkoll li t-titjib kbir li akkwistaw filqagħda tagħhom inkiseb bis-saħħa tal-Gvern Soċjalista u tal-General Workers Union li sa minn mindu jidħlu apprendisti tibda tieħu ħsiebhom.**

Huwa fatt li l-iskema ta' l-Apprendistat fis-Snajja' tal-Bini, qed tagħti lura lil pajjiżna patrimonju ta' sengħa li biż-żmien kienet qiegħda tgħib, ħtija tat-traskuraġni li ħalliha fiha ħaddieħor.

# KOMPETIZZJONI GĦAL STUDENTI FL-ISKEJJEL TAS-SNAJJA'

**FL-ISKOLA tas-snajja' ta' Umberto Calosso f'Santa Venera dan l-aħħar saret kompetizzjoni ta' prattika fis-sengħa għal studenti li jattendu t-tielet sena fl-iskejjel tas-snajja' ta' Bighi, Marsa u Umberto Calosso. Din il-kompetizzjoni, li saret għat-tielet sena konsekuttiva, kienet sponsorjata minn ditti privati bil-għan li l-istudenti fl-iskejjel tas-snajja' jipperfezzjonaw is-sengħa tagħhom.**

Qabel bdiet il-kompetizzjoni l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, t-Tabib Philip Muscat, kellem lill-istudenti. Huwa qal li l-Gvern irid ikompli jgħolli l-livell ta' l-edukazzjoni teknika f'pajjiżna. Wara li kien il-Gvern tal-Ħaddiema li għall-ewwel darba fetaħ l-iskejjel tas-snajja', l-Ministru Muscat qal li mill-1972 'l hawn dawn l-iskejjel ħarrġu aktar minn 19,000 ġuvni u 6,000 tfajla fi snajja' differenti li sabu jaħdmu fl-industriji ġodda li fetħu f'dawn l-aħħar snin. Illum hawn domanda kbira mill-industriji għall-studenti li jattendu l-iskejjel tas-snajja' ħaġa li tikkonferma l-livell għoli ta' taħriġ tekniku li jingħataw l-istudenti. Il-Ministru Muscat qal li wara li jtemmu b'suċċess it-tielet sena l-istudenti jistgħu jidħlu fl-'Extended Skill Training Scheme'. Din is-sena d-dħul f'din l-iskema, li hija fl-istess linja ta' l-iskemi apprendist/skular u ħaddiem/student jkollhom tagħlim teoretiku u taħriġ prattiku, mistenni jirdoppja.

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni ħabbar ukoll li l-Gvern se jwaqqaf ċentru ieħor speċjalizzat tas-snajja' fuq l-istrumenti ż-żgħar. Il-bżonn għal dan iċ-ċentru inħass minħabba l-avvanz fit-teknika l-ġdida u biex pajjiżna ma jibqax marbut biss mas-snajja' ta' l-elettriku, welding, plumbing u sheet metal. Dan iċ-ċentru, li se jitwaqqaf bl-għajnuna tal-Gvern Taljan, se jgħin lill-istudenti li diġà jinsabu fl-iskejjel tas-snajja' jipperfezzjonaw f'dawn is-snajja' sofistikati.

**Illum pajjiżna qed jagħmel progress fid-diversifikazzjoni ta' l-industrija biex ma nibqgħux marbutin ma' industriji li l-produzzjoni tagħhom ma tlaħħaqx mas-swieq internazzjonali. Illum pajjiżna qed jinvesti f'industriji tal-metall li jitolbu snajja' sofistikati, fosthom it-tarzna l-ġdida. Minħabba l-avvanz fit-teknoloġija Malta trid tikkompeti ma' pajjiżi avvanzati b'sistemi ġodda u għalhekk għandna bżonn ħaddiema mħarrġa f'dawn is-snajja', temm igħid il-Ministru.**



**Wara d-diskors tiegħu l-Ministru dar ma' l-istudenti u ra x-xogħol li kienu qegħdin jagħmlu fil-kompetizzjoni, fosthom fil-welding, marine plumbing, sheet metal, bench fitting, machining, electrical installation u auto mechanics.**

# Jitkellem l-Avukat

***Dawn huma tweġibiet għal każi ġenerali u għalhekk f'kull każ partikulari wieħed għandu jieħu parir legali.***

*L-Att Nru. XXIII ta' l-1979, li emenda "l-Ordinanza ta' l-1959 li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar", jittratta dwar iċ-ċnus temporanji, li qassamhom fi tnejn:*

*(a) dawk sa 30 sena fejn skond para. 10B(2)(a)(1) isiru, meta jagħalqu, kera normali circa darbetjn daqs iċ-ċens, u*

*(b) dawk ta' iżjed minn 30 sena, fejn skond para. 10B(4) isiru, meta jagħalqu, ċens perpetwu, b'kuntratt fakoltattiv ġdid, b'ċens imkabbar darbtejn l-oriġinali.*

*Mela ċ-ċnus temporanji kollha jaqgħu jew taħt (a) jew taħt (b).*

*Issa taħt liema minnhom jaqa' ċens temporanju ta' 17-il sena, li jagħlaq sena oħra, u li ċ-ċenswalist jkollu d-dritt, jekk jixtieq, li jġeddu għal 17-il sena oħra?*

F'każ bħal dan, la iċ-ċenswalist ikollu d-dritt li jġedded iċ-ċens għal perijodu ieħor ta' sbatax-il sena, skond il-kuntratt oriġinali, il-proviżjonijiet ta' l-Att XXIII ta' l-1979, li fl-opinjoni tiegħi, japplikaw għal dan il-każ, huma dawk tal-artikolu 10B(4); jiġifieri, jekk iċ-ċenswalist jipprevadi ruħu mid-dritt tat-tiġdid għal 17-il sena oħra, il-perijodu tal-konċessjoni jiskorri it-30 sena, u allura ikollu dritt jitlob li ċ-ċens isir perpetwu imma l-ħlas ikun ta' sitt darbiet aktar. Iċ-ċenswalist jista' jekk irid, jirrinunzja għat-tiġdid, u allura iċ-ċens isir kirja, u l-ħlas ikun bejn wieħed u ieħor id-doppju taċ-ċens, rivedibbli kull ħmistax-il sena skond l-ogħli tal-ħajja.

*Wara li miet missieri, ommi bniet dar bil-flus li wirtet mingħand il-familja tagħha. Fid-dar għadhom joqgħodu fiha ommi flimkien ma' żewġ ħuti. F'każ li tiġi nieqsa ommi u ma jkunx hemm testment, l-aħwa l-oħrajn għandhom dritt ikeċċu lil dawk li baqa' d-dar biex b'hekk id-dar tkun tista' tinbiegħ u l-ġid jinqasam bejn kulħadd?*

Jekk l-omm tmut mingħajr testment, id-dar issir proprjetà ta' l-ulied kollha, u ħadd ma jkollu dritt jokkupaha mingħajr il-kunsens tal-werrieta l-oħra kollha. Infatti kull wieħed minn dawn ikun jista' jitlob il-liċitazzjoni, jew il-bejgħ tad-dar bis-subasta taħt l-awtorità tal-Qorti. Min jixtri d-dar, ikun jista' jibgħat 'l barra lil dawk li jkunu qed jokkupawha, jekk dawn ma jkunux qed iħallsu l-kera; u, jekk id-dar tkun dekontrollata, anqas jistgħu jitolbu lill-Housing Department biex jirrekwiżizzjonaha.

*Jekk wieħed mill-aħwa jiġi adottat minn zijuh bil-kuntentizza tal-ġenituri tiegħu, xi dritt għandu għall-wirt mingħand zijuh u mingħand ommu u missieru f'każ li ma jkun hemm ebda testment?*

Meta jkun hemm adozzjoni bil-Qorti, il-persuna adottata tiġi kkunsidrata mil-liġi bħala iben jew bint naturali ta' min ikun adottaha. Din tiret tant lil min kien adottaha kemm lill-ġenituri naturali.

*Jien miżżewweġ darbtejn u għandi tfal mill-ewwel u mit-tieni żwieġ. Naf li hemm xi ħaġa fil-liġi fuq kif il-wirt li jolqot lill-ulied li m'humiex ta' missier wieħed jew omm waħda. Jien f'ħsiebni nagħmel testment. Nista' nħalli lil uliedi kollha, tal-ewwel u tat-tieni żwieġ indaqs?*

Iva, tista. Kull ma tgħidlek il-liġi fl-artikolu 641 hu li l-mara u t-tfal tat-tieni żwieġ ma jistax imisshom aktar mill-anqas favorit mit-tfal tal-ewwel żwieġ.

*Jiena ser nixtri dar. Il-bejjiegħ qalli li jaqbel li fil-kuntratt ma niddkjarawx il-prezz li se nagħtih, imma prezz ħafna iżgħar. Jaqbilli?*

Il-parir tiegħi hu li tiddikjara il-prezz li sejra tħallas. Dikjarazzjoni falza tista' tkun kawża ta' nkwiet. Attenta!

*Jiena krejt dar mingħand iz-ziju u min ftit taż-żmien 'l hawn ma tajtux iżjed kera. Issa xi ħadd qalli li meta dan irid jista' jixħetni 'il barra, dan veru?*

Skond l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 109, il-kerrej jitqies li jkun naqas milli jkun puntwali fil-ħlas tal-kera jekk jagħlaq il-kera, u s-sid jitolbu, u ma jħallasx; u jerġa' jagħlaq il-kera u s-sid jitolbu, u l-kerrej jerġa' ma jħallasx fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta s-sid ikun talabulu għat-tieni darba.

*Jekk ġuvni jmut, u jkollu l-flus il-bank, u l-ġenituri għadhom ħajjin it-tnejn, il-flus jinqassmu bejn l-aħwa biss? Il-ġenituri ma jieħdu xejn flus?*

Skond l-artikolu 852 tal-Kodiċi Ċivili, meta il-mejjet ikun għażeb *bla testment* u jħalli warajh lill-ġenituri u lill-ħutu, il-wirt jinqasam indaqs bejn il-ġenituri u l-aħwa; jiġifieri jekk jibqgħu ħajjin warajh iż-żewġ ġenituri, u per eżempju, tlett aħwa, il-wirt jinqasam f'ħames ishma indaqs, sehem kull wieħed. Jekk jibqa ħaj wieħed biss mill-ġenituri, l-wirt jinqasam indaqs bejn ħut il-mejjet, u l-omm jew il-missier li jkun baqa' ħaj.

*Meta biċċa raba' tkun imqabbla, u l-gabilott imut, ibnu jiret il-qbila?*

Iva. Imma jekk ir-raba' jkun qed jinħadem mill-gabilott mhux bi qbiela, iżda bil-ftehim tal-qsim tal-uċuh bejnu u bejn is-sid, il-ftehim jispiċċa mal-mewt tal-gabilott.

*Jiena kont ġejt adottata minn koppja bla tfal. Wara li addottaw lili, kellhom 3 itfal. Issa mietu it-tnejn,* bla testment. *Jiena li jien bint adottata, għandi dritt għall-wirt daqs it-3 itfal naturali, jew inqas?*

Inti għandek dritt tikkonkorri għall-wirt l-istess bħat-tfal naturali (artikolu 848).

DREAMPAEDIC
HEALTH MATTRESS

DREAMLAND
FOLDING CHAIR









DREAMLAND
GARDEN FURNITURE

DREAMLAND
UPHOLSTERY

GUARANTEED

DREAMLAND
BEDDING CO. LTD.

FACTORY:-
ST. LAWRENCE STREET,
B'KARA, MALTA.
TEL: 40345

SHOWROOM:-
397, FLEUR DE LYS RD.,
B'KARA, MALTA
TEL: 40345

# Tassew jaqbillek li jkollok cheque book tal-Mid-Med

Mary u John qablilhom meta fetħu kont kurrenti mal-Mid-Med. Qablilhom għax

- illum igawdu l-konvenjenza li jħallsu biċ-cheque u m'hemmx għalfejn joħorġu ħafna flus fuqhom.
- irranġaw li l-paga titpoġġielhom mal-ewwel il-bank.
- ma jridux joqgħodu jmorru huma jħallsu pagamenti li qed jagħmlu bin-nifs jew pagamenti oħra regolari. Sempliċiment avżaw lill-Bank biex joħdilhom ħsieb dawn il-pagamenti regolarment mill-kont kurrenti tagħhom.



**Ibda uża cheque book tal-Mid-Med – jaqbel lilek ukoll!**

Iftaħ kont kurrenti f'waħda mill-fergħat tal-Mid-Med imferrxin ma' Malta u Għawdex.

**Mid-Med Bank Limited**
Sigurtà u Efficjenza

Stamperija tal-Gvern